**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

31 ta' Jannar, 2021

# INDAWLU L-ĦAJJA

Dan il-Ħadd qed iqarribna dejjem iżjed lejn żmien ir-Randan Imqddes. Matul din il-ġimgħa li ġejja għandna mumenti sbieħ li nistgħu ngħixu fil-ġabra tal-qalb tagħna għalkemm mhux daqstant ta' xulxin.

**It-Tnejn 1 ta' Frar** jaħbat ***Jum il-Ħajja***. Kull bniedem għandu jħoss fih



ordni li ġejja minn fuq li tgħidlu kemm għandu jħares u jgħożż il-ħajja. Jekk nagħmlu daqshekk storbju - u bir-raġun - meta xi ħadd jaqla' siġra u meta xi ħadd jispara fuq tajra protetta, kemm iktar għandna bħala sagra l-ħajja tal-bniedem xħin tibda tifforma fil-ġuf tal-omm. Il-ħajja tal-kbar ukoll hija qaddisa. Propju ftit jiem ilu ħareġ rapport ta' NGO internazzjonali li jelenka l-għaxar pajjiżi fid-dinja li l-iktar jippersegwitaw lill-Insara. Ir-rapport jgħid ukoll li mad-dinja jinqatlu medja ta' 12-il Nisrani kuljum.

**It-Tlieta 2 ta' Frar** niċċelebraw il-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju. Aħna l-Maltin insejħulha wkoll ***il-Gandlora***, kelma li tfisser mixegħla. Dan għaliex meta Xmuni Itaqa' ma' Marija fit-Tempju, għal Ġesù huwa sejjaħlu "dawl biex idawwal il-ġnus". Fil-quddiesa tas-6:30pm se nbierku x-xemgħat u nitolbu lil Ġesù biex ikompli jdawwal il-ħajja tagħna.



**L-Erbgħa 3 ta' Frar** taħbat il-festa liturġika ta' ***San Blas***. San Blas huwa martri tal-ewwel sekli, mill-Armenja. Is-soltu l-komunità ta' San Blas



kienet torganizza festa mill-isbaħ bil-preżenza ta' ħafna nies u l-mistednin speċjali kienu jkunu persuni bi ħtiġijiet speċjali minn Għawdex kollu. Dis-sena, minħabba s-sitwazzjoni b'din il-pandemija li għaddejjin minnha, Fr Mark Bonello se jagħmel ħsieb fuq il-qaddis San Blas fil-quddiesa tas-6:30pm fil-knisja parrokkjali. Nistieden lil dawk li s-soltu jiġu għall-festa sabiex ikunu preżenti.

***L-Arċipriet***

## AVVIŻI OĦRA:

**QUDDIESA FIT-TIFKIRA TA' SAN BLAS:** nhar l-Erbgħa 3 ta' Frar fil-5:00pm fil-knisja. Din se tkun minflok iċ-ċelebrazzjoni li s-soltu ssir fil-beraħ fl-akwati ta' San Blas. Kulħadd huwa mistieden.

**SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa fil-5:30pm. Mitlubin biex nissieħbu f'dan il-ħin ta' talb biex nitolbu għal tant ħtiġijiet.

**TĦEJJIJA GĦALL-FESTA: KUMITAT TAN-NAR:** Il-parroċċa qed titlob lill-persuni li jixtiequ jgħinu b'xi mod fil-kumitat tan-nar li se jitwaqqaf, biex ikellmu lill-Arċipriet jew lil Joe Muscat, Segretarju tal-Kumitat tal-Festi Esterni tal-parroċċa, sa mhux aktar tard mid-9 ta' Frar li ġej.

**TISWIJIET FL-OQBRA TAĊ-ĊIMITERJU TAD-DULURI:** se jsiru xi tiswijiet f'xi oqbra tal-komun li hemm fiċ-ċimiterju ta' Kenuna, liema oqbra qegħdin fil-periklu li jisfrondaw, kif wieħed jista' jintebaħ. Għalhekk dawk li għandhom fdalijiet tal-għeżież tagħhom fl-oqbra mmarkati b'numerazzjoni sewda, fejn hemm l-oqbra bin-numri li jmorru mill-241 sal-267, ikellmu lil Mons. Salv Muscat sal-15 ta' Frar.

**BIBBJA MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI:** għall-kumdità tagħkom ġibna xi kopji tal-edizzjoni l-ġdida tal-Bibbja ppubblikata mill-Għaqda Bibblika Maltija. B'qoxra iebsa tiswa €38 u ta' qoxra rabta tiswa €30. Kellmu lil Antonia fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**CARITAS GĦAWDEX JIRRINGRAZZJA:** Dun Mikiel Borg, li huwa d-direttur tal-Caritas f'Għawdex, bagħat ittra ta' ringrazzjament lill-komunità parrokkjali, fl-okkażjoni tal-ġabra ta' €1600.66 li mill-parroċċa għaddejna lill-Caritas.

**SENA ĊENTINARJA - 16:** Fost l-ewwel praesidia fin-Nadur kien hemm dak tal-irġiel: Saħħa tal-Morda. Għamel ġieħ għax kienu ħafna l-membri attivi fih. Għadu jiltaqa'. Int iben xi wieħed mill-missirijiet li kienu msieħba fih? Agħmel kuraġġ u tħajjar ukoll.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**Is-Sibt filgħaxija:** 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am